IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru35 (ħamsa u tletin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret online nhar il-Ġimgħa 16 ta' April, 2021, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**35.1. Item Nru 35.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

35.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.10pm u kulħadd kien preżenti.

**35.2. Item Nru. 35.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

35.2.1. il-Minuti tal-laqgħa 33 ittieħdu bħala moqrija u wara korrezzjonijiet li ppproponiet is-Sa. Pulis ġew approvati unanimament.

**35.3 Item Nru. 35.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

35.3.1 Is-Sindku Neil Attard qal li fuq il-jogging track qiegħed jaħdem fuqha l-Perit Bezzina biex itina t-*technical specs.* Ix-xogħol ser isir minn Infrastrucure Malta bit-tender b'kollox.

Apparti hekk hemm ftehim verbali mal-Ministru tal-Finanzi li ser isir ukoll il-ħadid tal-prominade.

35.3.2 Is-Sindku qal li dwar il-bandli ser isir is-survey sabiex inkunu nistgħu napplikaw għad-Development Funds.

35.3.3 Is-Sindku qal li dwar il-possibilta ta' kirja tal-Multipurpose hall lil privat il-Kunsill għandu laqgħa mad-Direttur tal-Gvern Lokali is-Sur Christopher Galea u nipprocedu minhemm. Is-Sur Valvo irrimarka li qed isir vandalizmu minkejja li hemm il-cameras. Is-Sindku ippropona li isiru barriers kif ukoll tape tal-Pulizija biex ma jkomplux jaghmlu vandalizmu.

35.3.4 Is-Sindku qal li l-proġett tal-*pitch* tal-boċċi għadna qed nistennew mil-Perit u l-Planning Authority.

35.3.5 Is-Sindku tkellem dwar il-bye law tal-caravans, campers u gazebos u qal li l-abbozz ta' din il-bye law lest mil-avukat u ġie ppreżentat lil Kunsilliera. Il-Kunsilliera qablu mal-kontenut ta' dan l-abbozz u għalhekk bi qbil unanimu ser jitkompla l-proċess biex tintbgħat lid-Divizjoni tal-Gvern Lokali għal approvazzjoni tal-Ministru.

35.3.6 Is-Sindku tkellem fuq il-ftehim ta' fondi mil-WSC fejn qal li dawn għadhom ma waslu. Hu kompla u qal li ġie infurmat li Ta' Barkat qed jaħdmu fuq sistema biex jippumpjaw l-ilma għall-għelieqʋ u għaddej ix-xogħol fuqha.

35.3.7 Is-Sindku qal li qed niġbru stimi ta' bankini sabiex jinbidlu ta' Triq K. Ritchie u Triq Ras il-Ġebel. Dawn imbgħad jintbgħatu lil Infrastructure Malta skond il-ftehim li għandna.

35.3.8 Is-Sindku qal li bħalissa minkejja li għadna minajr kuntratt tal-Knis jidher li x-xogħol qed isir tajjeb u anke l-qtugħ tal-ħaxix qed isir regolari. Is-Sindku fakkar li bħalissa għaddej il-proċess ta' evalwazzjoni tat-tender tal-Knis.

35.3.9 Is-Sindku tkellem fuq applikazzjoni għal fondi tal-LESA li ser tagħlaq il-Ġimgħa d-dieħla u sar qbil li l-Kunsill japplika għal bankijiet ġodda kif ukoll cameras u lampi.

35.3.10 Is-Sindku qal ukoll li hemm applikazzjoni oħra ta' fondi fuq proġetti relatati ma' bandli u l-Kunsill qabel li ser issir applikazzjoni biex isiru bandli ġodda max-Xatt.

35.3.11 Is-Sindku qal li kien hemm aċċident ma' pot tal-pjanti fejn persuna għamlet il-ħsara magħha. L-ispejjeż huwa ta' €200. Huwa ippropona li jigi rifondut dawn l-ispejjeż u kulħadd qabel.

IX-XGĦAJRA

**35.4 Item Nru 35.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

35.4.1 Is-Sa. Doris Borg staqsiet jekk tistax jissewwa sprall fi Triq Karmelo Ritchie kantuniera ma' Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol ser jiġi assenjat lil ħaddiema.

35.4.2 Is-Sa. Borg staqsiet jekk jista jinżabar is-siġar ta' Triq l-Iskola għaliex qiegħed ġoff ħafna.

35.4.3 Is-Sa. Borg staqsiet jekk jistax isir xi ħaġa fejn ir-roundabout ta' fuq, xi *crash barrier* għaliex diġa daħlu fil-ħajt u hemm periklu. Is-Segretarju qal li kien diga ordna crash barrier m'għand il-koptasin aktar minn 4 xhur ilu.

35.4.4 Is-Sa. Borg staqsiet jekk jistax jissewwa l-ħajt tas-sejjiegħ ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja u Triq Karmelo Ritchie għaliex qiegħed jaqa'. Is-Sindku qal li ser jassenja lil ħaddiema tal-Kunsill sabiex jagħmlu xogħol ta' tiswija fuqu.

35.4.5 Is-Sa. Borg staqsiet jekk jistax isir xi ħaġa fi Triq l-Iskola kantuniera ma' Triq Dwardu Ellul għaliex qed jitfgħu ħafna skart. Is-Sindku qal li ser ikellem lis-Sur Ramon Deguara għal għajnuna biex jitnaddaf.

35.4.6 Is-Sa Rosabelle Pulis staqsiet jekk jistax isir xi ħaġa dwar ilment f' Dawret ix-Xatt fejn sid ta' propjeta qed ibgħati ħsarat minn rampa li saret mil-Gvern u li hu ma jistax jagħmel manutenzjoni fuq il-propjeta tiegħu kif suppost. Is-Sindku qal li dan mhux xogħol tal-Kunsill u għalhekk ser ngħadduha lil Public Works għal intervent tagħhom.

35.4.7 Is-Sur Raymond Camilleri staqsa jekk nistgħu inkellmu lil min jieħu ħsieb id-dawl tax-xatt għaliex qiegħed jixhel kmieni ħafna.

35.4.8 Is-Sur Camilleri staqsa dwar il-Bus Shelters fiex waslu. Is-Segretarju qallu li ser jerġa jibgħat reminder lill-kumpannija FACES.

35.4.9 Is-Sur Camilleri staqsa jekk nistgħu nagħmlu xi ħaġa fuq Triq il-Mulett fejn din minn wara li nbniet il-Blokka kantuniera ma' Triq il-Fabbriki issa għada imkissra u l-karozzi qed jagħmlu l-ħsara. Is-Sindku qal li l-aħjar inqabbdu l-xi ħadd b'romblu u nillivellawa temporanjament sakemm issir it-triq mil-ġdid. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

35.4.10 Is-Sur Camilleri staqsa jekk jistax isir railing max-xatt propju taħt il-Joe Joes bar. Sar qbil biex inkellmu lis-Sur Ramon Deguara u forsi jsir mil-ħaddiema tiegħu.

35.4.11 Is-Sur Camilleri staqsa jekk jistax jinżebaħ ir-railing tat-taraġ ta' ħdejh qabel jibda jissaddad. Is-Sindku qallu li ser jinżebaħ mil-ħaddiema tal-Kunsill

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693539
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

**35.5 Item Nru. 35.5 fuq l-Aġenda – Rapporti Finanzjarji**

35.5.1 Ma kienx hemm rapporti finanzjarji.

**35.6 Item Nru. 35.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

35.6.1 L-items l-oħra ġew mitkellma aktar il-quddiem.

**35.7 Item Nru. 35.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

35.7.1 Pagamenti b'numru 102 ġew approvati unanimament.

**35.8 Item Nru. 35.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

35.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**35.9 Item Nru. 35.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

35.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.30pm

Aġġornament għal-nhar it-08 ta' Ġunju, 2021

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Neil Attard
Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693539
E-Mail xghajra.lc@gov.mt